# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 10 ta' Ottubru, 2019**

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 1172/07JRM**

Perit Austin **ATTARD MONTALTO**, Paul Attard Montalto, Nazzareno *sive* Reno Attard Montalto, Edward Attard Montalto, Victoria Grech mart l-Avukat David Grech, Patricia Aġius Vadalà xebba Attard Montalto mart Thomas Aġius Vadalà, Deborah Attard Montalto, Arlette Grech mart David Grech, Angela Hathaway, Mario Galea Testaferrata, it-tabib psikjatra Michael Kitson Attard Montalto, Philip Kitson Attard Montalto, Susan Lee mart Martin Lee, Marion Saydon mart in-Nutar Joseph H Saydon, Charles Vella Bonavita, Mary Ferro Attard Montalto, in-Nutar Gerald Spiteri Maempel, Maria Theresa Scicluna, A.M. Developments (C – 18150) u Polidano Group Limited

vs

**AWTORITA' TAL-ARTIJIET**[1] u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

[1] Bidla fl-isem awtorizzata b'digriet waqt is-smiegħ tal-10 ta' Ottubru, 2019.

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-9 ta' Novembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li din il-Qorti (a) issib li l-esproprjazzjoni li nħarġet mill-Kummissarju ta' l-Artijiet skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-10 ta' Mejju, 2007, fuq art ta' kejl ta' madwar erba' mija u tnejn u erbgħin metri kwadri (442 $m^2$) minn qasam akbar art tagħhom tal-kejl ta' madwar tmintax-il elf metru kwadru (18,000 $m^2$) magħrufa bħala "*Ta' Bibu*" jew "*Ta' Għar Għasfur*", fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, ma saritx għall-skopijiet ta' utilità pubblika, iżda saret sabiex taġevola interessi privati, u dan bi ksur ta' l-artikolu 469A(1)(b)(ii) u/jew l-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) issib li l-istess esproprjazzjoni hija nulla u ma tiswiex billi l-att amministrattiv huwa *ultra vires*; u (ċ) treġġa' lura l-espropriju u tpoġġi lill-atturi fil-pussess ta' l-art tagħhom li ġiet milquta bl-esproprjazzzjoni abbużiva. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-19 ta' Ottubru, 2010, li biha l-imħarrkin laqgħu billi, preliminarjament, qalu li (a) il-proċeduri huma nulli billi ma saritx ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju a tenur ta' l-artikolu 460(1) tal-Kap. 12 fiż-żmien li trid il-liġi qabel ma nfetħet il-kawża; (b) l-Avukat Ġenerali mhux il-kontradittur leġittimu a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kap. 12. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li (i) l-art ittieħdet sabiex nbniet fuqha art pubblika, użata mill-pubbliku u għaldaqstant ittieħdet għal użu pubbliku u mhux biex jiġu aġevolati interessi privati; li (ii) l-Kummissarju ta' l-Artjiet ma kiser ebda prinċipju ta' ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-teħid tad-deċiżjonjiet tiegħu billi huwa mexa fuq talba li saritlu minn awtorità pubblika (l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta); u li (iii) għalhekk l-aġir tiegħu mhux wieħed *ultra vires* billi l-esproprjazzjoni saret minn entità pubblika awtorizzata li twettaqha;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2010[2], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tat-18 ta' Ottubru, 2010, ordnat li jsiru l-bidliet u tiswijiet mitluba fir-Rikors Maħluf għall-finijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Frar, 2010[3], li bih, għar-raġunijiet hemm imsemmija, ħasret il-kawża min fuq il-lista tal-kawżi;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Marzu, 2011[4], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tal-25 ta' Frar, 2011, għall-finijiet tal-

[2] Paġ. 32 tal-proċess
[3] Paġ. 37 tal-proċess
[4] Paġ. 39 tal-proċess

artikolu 199(3) tal-Kap 12, reġgħet qiegħdet il-kawża fuq il-listi ta' kawżi għas-smigħ;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-23 ta' Ġunju, 2011[5], li bih l-imħarrkin irtiraw l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa minnhom fir-Risposta Maħlufa tagħhom, u dan fid-dawl tad-dokument[6] imressaq mill-atturi ma' nota tagħhom tal-5 ta' Mejju, 2011;

Rat ix-xhieda u dokumenti mressqa quddiemha mill-partijiet;

Rat il-verbal tat-22 ta' Ottubru, 2013[7], li bih il-partijiet talbu li t-trattazzjoni tal-għeluq issir bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-19 ta' Frar, 2014[8];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-3 ta' April, 2014[9], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi, bħala sidien ta' art f'San Pawl il-Baħar, jixlu lill-imħarrkin b'aġir abbużiv meta ħadulhom qatgħa art tagħhom permezz ta' espropriju. L-atturi jgħidu li t-teħid ma sarx tassew għal skop pubbliku, iżda li l-iskop ewlieni tiegħu kien biex jiġu aġevolati terzi li kellhom art fl-istess inħawi u riedu jiżviluppaw ħwejjiġhom. L-atturi jgħidu li d-dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fl-10 ta' Mejju, 2007, ma kellhiex mis-sewwa, u jridu li l-Qorti tħassar l-esproprju u terġa' tpoġġihom fil-pussess tal-art tagħhom;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-imħarrek Avukat Ġenerali ma messux tħarrek f'din il-kawża u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża ladarba mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni. Fil-mertu, jiġġustifikaw it-teħid ta' l-art bħala li bih qed jinqeda

[5] Paġ. 46 tal-proċess
[6] Dok "XYZ1", f'paġġ. 43 – 4 tal-proċess
[7] Paġ. 214 tal-proċess
[8] Paġġ. 219 sa 226 tal-proċess
[9] Paġġ. 229 sa 240 tal-proċess

l-pubbliku in ġenerali u jiċħdu x-xiljiet ta' aġir abbużiv jew li mxew bi ksur tal-liġi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li r-rikorrenti huma lkoll sidien tal-art mertu tal-kawża, magħrufa bħala "*Ta' Bibu*" jew "*Ta' Għar Għasfur*" ġewwa San Pawl il-Baħar, ta' kejl ta' madwar tmintax-il elf metri kwadri (18,000 $m^2$), u fil-preżent għaddejjin proċeduri ġudizzjarji marbuta mad-diviżjoni tagħha[10];

Illi permezz ta' rikors tas-26 ta' Lulju, 2005, numru 1198/2005GC, l-atturi talbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-kumpannija SIAR Property Investment Ltd (minn issa 'l hemm imsejħa "SIAR"), sabiex tiġi mwaqqfa milli tagħmel xogħol ta' skavar u jew kostruzzjoni fuq din l-art, liema talba ntlaqgħet fid-29 ta' Lulju ta' dik is-sena[11]. Il-ġid tal-atturi u dak ta' SIAR hu mifrud b'ħajt tas-sejjieħ li tneħħa minn SIAR[12]. Jirriżulta li, minkejja l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, SIAR baqgħet għaddejja bix-xogħlijiet[13]. It-tkomplija tax-xogħol minn SIAR ġiet konfermata wkoll mill-Perit Renato Laferla f'rapport tiegħu tal-11 ta' Ottubru, 2005[14];

Illi f'xi żmien fis-sena 2005, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta (minn issa 'l hemm imsejħa "ADT"), ressqet talba lill-Awtorità responsabbli mill-iżvilupp (minn issa 'l hemm imsejħa "l-MEPA") li ġġib in-numru PC 0025/05, sabiex tinbidel il-linja tal-iżvilupp ġewwa Triq it-Tonn, San Pawl il-Baħar, u dan biex vetturi misjuqa jkollhom mod aħjar biex idawru u jimmanuvraw u joħorġu mit-triq ('*turning circle*'). Il-Bord tal-MEPA ċaħad it-talba ta' ADT fis-16 ta' Marzu, 2006, billi sab li t-tibdil propost kien ser jolqot proprjetà skedata u ġid ta' terzi bla bżonn[15];

Illi aktar tard fl-istess sena, l-ADT ressqet talba oħra lill-MEPA marbuta mal-istess sit bin-numru 54/06, u għall-istess skop. Jirriżulta li meta l-atturi f'din il-kawża saru jafu bit-talba, huma oġġezzjonaw għal dan it-tibdil[16], iżda fit-22 ta' Frar, 2007[17], il-Bord tal-MEPA approva t-tibdil kif imressaq;

Illi fis-26 ta' Settembru, 2006, l-ADT resqet talba lill-Kummissarju tal-Artijiet (minn issa'l hemm imsejjaħ "il-Kummissarju") sabiex firxa ta' art fi Triq it-Tonn f'San Pawl il-Baħar, murija bil-lewn isfar fuq pjanta li ġġib in-

---

[10] Ara l-affidavit ta' Anton Camilleri f'paġ. 48 tal-proċess, Dok. "AC1" f'paġġ. 51 – 3 tal-proċess u Dok. "AAM1" f'paġ. 7 tal-proċess. Ara wkoll x-xhieda tal-Perit Austin Attard Montalto u tan-Nutar Joseph Henry Sajdon f'paġġ. 160 – 2 tal-proċess

[11] Degriet mogħti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1198/2005 f'paġ. 18 tal-proċess

[12] Ara x-xhieda ta' Anton Camilleri f'paġ. 157 tal-proċess. Ara l-ħajt tas-sejjieħ kif jidher fuq ir-ritratt Dok. "AC2" f'paġ. 54 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' l-Avukat Mark Attard Montalto fejn jirreferi għall-art tal-atturi bħala dik li tidher fuq ir-ritratt Dok. "AC2" bħala li tiġi fuq in-naħa tal-lemin, dik minn nofs il-ħajt tas-sejjieħ 'il barra

[13] Ara fotokopja ta' ritratti Dokti. "CA1" sa "CA6" meħudin fit-2 ta' Ottubru, 2005 f'paġġ. 103 – 8 tal-proċess

[14] Ara Dok. "X" f'paġġ. 116 – 7 tal-proċess

[15] Ara para 7.1 f'paġ. 68 tal-proċess

[16] Ara para 8.1 f'paġ. 68 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Voctor Borġ Fiorentino f'paġ. 81 tal-proċess

[17] Dok. "VBF 3" f'paġ. 73 tal-proċess

numru RD20/05, tiġi esproprjata għall-formazzjoni ta' triq. Din l-art kellha kejl ta' madwar erba' mija tmienja u tletin metri kwadri (438 $m^2$)[18];

Illi fis-26 ta' Frar, 2007[19], l-ADT bagħtet tgħarraf lill-Kummissarju bit-tibdil fil-linja tal-iżvilupp ġewwa Triq it-Tonn, kif approvata mill-MEPA;

Illi fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-10 ta' Mejju, 2007[20], dehret dikjarazzjoni (numru 437) magħmula fl-20 ta' April, 2007, mill-President tar-Repubblika għall-finijiet tal-artikoli 3 u 9(1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi[21] dwar firxa art tal-kejl ta' erba' mija tnejn u erbghin metri kwadri (442 $m^2$) fi Triq it-Tonn ġewwa San Pawl il-Baħar, liema art kienet ittieħdet għal skop pubbliku u b'xiri assolut[22];

Illi fit-30 ta' Ottubru, 2007[23], l-atturi ilmentaw uffiċjalment dwar dan l-esproprju mal-imħarrkin permezz ta' ittra uffiċjali;

Illi fid-9 ta' Novembru, 2007, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jsawru l-każ, il-Qorti tqis li mill-atti miġbura tal-kawża ntwera sewwa liema hija l-art li dwarha l-atturi fetħu din il-kawża u li dwarha kienet inħarġet id-Dikjarazzjoni ta' esproprju. L-atturi jisħqu li mhuwiex minnu li l-art ittieħdet għal skop pubbliku għaliex t-*turning circle* li l-ADT tisħaq li kienet meħtieġa sabiex tinbidel il-linja tal-iżvilupp kienet fil-fatt teżisti fl-istess triq qabel ma saret l-esproprjazzjoni tal-art tagħhom[24]. L-azzjoni tal-atturi ntrabtet mal-ħruġ ta' permess favur id-direttur ta' SIAR għall-applikazzjoni PA04182/04 fejn il-MEPA approvat żvilupp fuq Triq it-Tonn[25]. Huma jixlu lill-ADT b'*mala fede* meta min-naħa tagħha talbet li titressaq il-linja uffiċjali approvata tal-iżvilupp li, sa qabel l-2005, kienet aktar 'il barra mill-ħajt tas-sejjieħ li jdawwar il-ġid ta' SIAR f'għoli ta' xi tlettax-il pied minn kull naħa[26];

Illi mhux kontestat, illi l-linja tal-iżvilupp kif issa modifikata bl-approvazzjoni tal-applikazzjoni PC 54/06 ġiet tmiss mal-ġid ta' SIAR;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tal-azzjoni tal-atturi, huwa meħtieġ li tistħarreġ **it-tieni eċċezzjoni preliminari** billi dwar din il-Qorti għadha ma tat l-ebda deċizjoni u billi l-imħarrkin baqgħu ma

[18] Ara "Dok. PM1" f'paġġ. 187 – 8 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Peter Mamo f'paġ. 186 tal-proċess
[19] Ara Dok. "PM2" f'paġ. 190 u l-pjanta f'paġ.189 tal-proċess
[20] Dok "AAM3" f'paġġ. 19 – 20 tal-proċess
[21] Kap 88
[22] Ara Dok. "PM3" f'paġġ. 193 – 6 tal-proċess
[23] Ara Dok. "XYŻ1" f'paġġ. 43 – 4 tal-proċess
[24] Ara x-xhieda ta' Anton Camilleri f'paġ. 90 tal-proċess
[25] Ara Dok. "VBF1" f'paġġ. 60 – 3 u l-pjanta mmarkata "17A" f'paġ. 65 tal-proċess
[26] Ara x-xhieda ta' Anton Camilleri f'paġ. 157 tal-proċess

rrinunzjawx għaliha, bħalma għamlu fil-każ tal-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tagħhom;

Illi bl-imsemmija tieni eċċezzjoni preliminari, l-intimati qegħdin jgħidu li l-azzjoni setgħet titressaq u l-ġudizzju jkun sħiħ li kieku saret kontra l-intimat Kummissarju tal-Artijiet waħdu. B'dan il-mod, jgħidu li l-Avukat Ġenerali ma messux tħarrkek fil-kawża;

Illi l-atturi jgħidu li din l-eċċezzjoni mhix tajba għaliex għalkemm esproprjazzjoni ssir għall-vantaġġ tal-Kummissarju, hija bid-dikjarazzjoni Presidenzjali li tieħu effett. Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali bħala r-rappreżenant tal-Istat jirrendi ruħu bħala kontradittur leġittimu[27];

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn toqgħod tidħol f'ħafna konsiderazzjonijiet dottrinali dwar min hu l-kontradittur leġittimu f'kawża bħal din. Tagħraf biss li l-azzjoni li għandha quddiemha ma titlob bl-ebda mod is-sejbien li xi parti mil-liġi nnifisha qiegħda tikser il-jeddijiet fundamentali tal-atturi[28]. Wara li semgħet ix-xhieda u rat il-provi kollha li jinsabu fl-atti tal-kawża, ħareġ ukoll li mkien ma ntwera x'sehem seta' kellu l-Avukat Ġenerali imħarrek f'din il-ġrajja kollha[29];

Illi għalhekk, bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li l-kuntradittur leġittimu waħdieni tal-azzjoni attriċi huwa d-Dipartiment tal-Artijiet u l-istess kawża messha nfetħet kontrih biss;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tilqagħha billi teħles lill-imħarrek Avukat Ġenerali mill ħarsien tal-ġudizzju;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**mertu tal-azzjoni attriċi**, jingħad li t-talbiet attriċi huma ta' stħarriġ ġudizzjarju, dan biex il-Qorti ssib (a) li l-esproprjazzjoni li nħarġet mill-Kummissarju ta' l-Artijiet skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ma saritx għall-skopijiet ta' utilità pubblika iżda saret sabiex taġevola interessi privati, u dan bi ksur ta' l-artikolu 469A(1)(b)(ii) u/jew l-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12; (b) issib li l-istess esproprjazzjoni ma tiswiex u hi bla ebda effett billi l-att amministrattiv sar *ultra vires*; u (ċ) tħassar it-teħid tal-art u terġa' tpoġġi lill-atturi fil-pussess ta' l-art tagħhom li ttieħdet bl-esproprju msemmi;

---

[27] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi f'paġ. 221 tal-proċess
[28] Kost. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vica Limited vs Kummissarju tal-Artijiet et***
[29] Ara x-xhieda ta' Victor Borġ Fiorentino f'paġ. 87 tal-proċess

Illi jrid jingħad mill-bidunett, li għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[30], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[31]. Iżda l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjetà u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għemil ikun ta' teħid ta' proprjetà u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[32];

Illi, fis-sottomissjonijiet tagħhom[33], l-atturi jisħqu li l-interess li kien qed jitħares bl-esproprju kien dak tal-privat, li jiġu aġevolati terzi mingħajr ma tqiesu l-interess tal-atturi. Jgħidu għaldaqstant li f'dan l-espropriju hemm nieqes l-element ta' proporzjonalità u tal-interess pubbliku meħtieġ;

Illi fiż-żmien rilevanti għall-istħarriġ li jrid isir fuq il-fatti ta' din il-kawża, il-liġi kienet titlob li t-teħid ta' art b'titolu ta' xiri assolut ried ikun għal skop pubbliku[34];

Illi bil-kliem "skop pubbliku" l-liġi tifhem kull għan li jkollu x'jaqsam ma' l-użu esklussiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le). Illum il-ġurnata huwa aċċettat li t-tifsira ta' "skop pubbliku" li wieħed kien isib fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta' osservazzjonijiet magħmulin f'xi sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna fl-aħħar snin. B'dan il-mod, għalhekk, joħroġ li l-kejl tal-għan pubbliku huwa dak tal-interess ġenerali tal-kollettività b'kuntrast mal-interess tal-individwi. Dan ifisser, li l-fatt waħdu li ġid jittieħed mingħand persuna waħda biex jingħata lil persuna oħra ma jġibx b'daqshekk in-nuqqas ta' interess pubbliku[35], jekk tassew ikun jirriżulta li dak it-teħid ikun seħħ għal għan pubbliku[36]. Ifisser ukoll li l-fatt waħdu li fond jittieħed biex jintuża għal skop kummerċjali ma jġibx b'daqshekk li l-għan maħsub mhuwiex wieħed pubbliku

---

[30] Kost. **24.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***

[31] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The Former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87

[32] Kost. **2.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Allied Newspapers Ltd vs Avukat Ġenerali e***t (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.514**)

[33] Ara Nota ta' Sottomissjonjiet tal-atturi f'paġ. 223 tal-proċess

[34] Art. 5(a) tal-Kap 88 (għalkemm dik il-liġi tħassret bl-art. 84 tal-Att XVII tal-2017 – Kap 573 – l-artikolu 82 jgħid li azzjonijiet li nbdew taħt l-imsemmija liġi qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida għandhom jibqgħu regolati bil-liġi kif kienet fis-seħħ qabel)

[35] Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u l-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.132**); ara wkoll Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo Randon et vs Malta*** (Applik. Nru. 2226/10) § 60

[36] P.A. Kost. **25.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Borġ et vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata, imma konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**15.10.2008**)

jew li mhuwiex fl-interess pubbliku[37]. Ingħad ukoll li jekk jintwera l-interess pubbliku, il-fatt li art tittieħed biex isir minnha użu kummerċjali mill-privat ma jnaqqasx b'daqshekk biss l-element ta' ħtieġa pubblika jew interess pubbliku[38];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li jekk hu minnu li l-art tal-atturi ttieħdet għat-twessigħ biex ikun hemm *turning circle* aħjar u għaldaqstant ikunu jistgħu jinqdew b'mod aħjar il-bżonnijiet tal-pubbliku fl-istess triq, dan jixhed li tassew kien hemm skop pubbliku w għalhekk l-ilment tal-atturi ma jkunx jista' jintlaqa'. Iżda l-Qorti temmen li, mill-provi mressqa, mkien ma ħareġ li l-għan ewlieni għat-teħid kien tabilħaqq għat-twessigħ ta' xi triq eqdem, iżda tqis li bit-tibdil tal-linja tal-bini ħareġ ċar li kien ser jiġi akkomodat t-terz li l-faċċata tal-binja tiegħu issa kienet ser tersaq sewwasew għal fuq triq proġettata u seta' jagħmel l-iżvilupp fl-art tiegħu kif xtaq hu, u dan bi ħsara diretta għall-interessi u minn fuq il-ġid tal-atturi. Dan il-Qorti waslet għal din il-fehma wara li fliet il-pjanta jew *survey* imħejjija mill-ADT u li tressqet mill-Assistant Direttur tas-Servizzi fid-Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjetà mal-affidavit tiegħu[39]. Minn din il-pjanta lill-Qorti jirriżultalha li l-biċċa l-kbira mill-art li ttieħdet mingħand l-atturi fil-fatt ma kinetx ser tintuża biex tħaffef il-manuvri tal-vetturi, iżda biex tinbidel f'bankina u spazju biex fiha jitħawlu siġar biex jgħattu l-għoli tal-ġenb tal-ħajt tal-binja eżistenti ta' mhux anqas minn disa' sulari u tagħti fil-għajn f'dik il-medda tat-triq[40]. Dan ma kienx ikun meħtieġ li kieku l-linja baqgħet kif kienet għaliex l-iżvilipp fit-triq kien iserraħ ma' dan il-ħajt u l-ħajt kien jitgħatta bil-binja nnifisha. Il-Qorti ssib konfort ukoll fix-xhieda mogħtija mill-Perit Mario Ellul fil-proċeduri marbuta mal-Mandat ta' Inibizzjoni meta jgħid li "*l-parti mmarkata bis-siġar mhix karreġġabbli, mhix sejra tkun asfaltata u tkun pubblika mħawwla bis-siġar*"[41];

Illi dan kollu jixhed li jekk kellu jitneħħa dan l-ispazju ta' bankina u sabiex jitħawwlu s-siġar, it-triq fil-fatt ġiet li twessgħet ftit li xejn, u l-Qorti ssibha ferm diffiċli taċċetta li tassew kien hemm ħtieġa pubblika jew għan pubbliku għat-teħid ta' din il-medda art li kellha twassal għall-esproprjazzjoni tagħha mingħand l-atturi. Għall-kuntrarju, minn qari tax-xhieda kollha li tressqet fl-atti, ma tressqet l-ebda prova li xxejjen il-fehma li l-art ittieħdet biss biex jittaffa l-impatt estetiku (biex ma jintużax kliem ieħor) li l-binja ta' terzi tħalli ma' wiċċ min ikun fl-inħawi;

Illi l-Qorti għaldaqstant qiegħda tasal għall-fehma li l-imħarrkin ma ppruvawx kif jixraq u għas-sodisfazzjon tal-Qorti li hemm utilità pubblika fit-teħid tal-ġid tal-atturi. Id-diskrezzjoni wiesgħa li għandu l-Istat fejn jidħol dak

---

[37] Kost. **27.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.57**)
[38] Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Gera de Petri Testaferrata Boniċi Ghaxaq vs L-Avukat Ġenerali***
[39] Dok "PM2", f'paġ. 192 tal-proċess
[40] Ara. Dok. "AC2" f'paġ. 54 tal-proċess
[41] Ara x-xhieda tal-Perit Mario Ellul f'paġ. 154 tal-proċess

li jitqies bħala "interess pubbliku" ma ntweriex li jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjetà u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li **l-ewwel talba tal-atturi hija tajba** u sejra tintlaqa' għaliex id-deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet mill-awtorità pubblika ħareġ li saret għal għanijiet mhux xierqa b'abbuż tas-setgħat tagħha;

Illi billi l-Qorti waslet għall-fehma tagħha dwar l-ewwel talba, jkun meħtieġ li tqis ukoll it-tieni u t-tielet talbiet attriċi, billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda;

Illi huwa stabilit li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju l-Qorti twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-għemil amministrattiv ikun twettaq skond il-liġi, b'użu xieraq tas-setgħat mogħtijin lill-awtorità li tkun mill-istess liġi, u b'mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-Qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-għemil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-għemil amministrattiv, liema għemil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorità pubblika li tkun;

Illi dan ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-għemil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrattiv għandha tqis is-siwi ta' għemil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-għemil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorità kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorità li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti terġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorità għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[42];

Illi dawn il-parametri huma mfissra b'mod ċar u tajjeb f'dan il-kliem meta jingħad li l-istħarriġ ġudiżzjarju "*does not allow the court of review to examine the evidence with a view to forming its own view about the substantial merits of the case. It may be that the tribunal whose decision is*

[42] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***

*being challenged has done something which it had no lawful authority to do. It may have abused or misused the authority which it had. It may have departed from the procedures which either by statute or at common law as matter of fairness it ought to have observed. As regards the decision itself it may be found to be perverse or irrational, or grossly disproportionate to what was required. Or the decision may be found to be erroneous in respect of a legal deficiency, as for example, through the absence of evidence, or of sufficient evidence to support it, or through account being taken of irrelevant matter, or through a failure for any reason to take account of a relevant matter, or through some misconstruction of the terms of the statutory provision which the decision maker is required to apply. But while the evidence may have to be explored in order to see if the decision is vitiated by such legal deficiencies it is perfectly clear that in a case of review, as distinct from ordinary appeal, the court may not set about forming its own preferred view of the evidence*"[43];

Illi għalhekk, f'azzjoni skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12 għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, il-Qorti tista' tintalab li ssib li l-att amministrattiv ma jkunx jiswa u li tħassar att amministrattiv bħal dak għax ma jkunx sar skond il-liġi; iżda ma tistax tintalab tissostitwixxi hi l-att hekk imħassar permezz ta' att ieħor;

Illi ladarba l-Qorti sabet li t-teħid ta' art tal-atturi ma sarx tassew għal skop pubbliku u ladarba dak b'dak l-att l-atturi refgħu piż sproporzjonat fit-telfien tal-art imsemmija[44], il-Qorti sejra **tilqa' t-tieni talba** u ssib li l-esproprju mertu ta' din il-kawża ma jiswiex;

Illi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, isegwi li t-**tielet talba jistħoqqilha tintlaqa' wkoll**, u din il-Qorti sejra tordna li l-qagħda titreġġa' lura għal kif kienet minnufih qabel ma nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-President biex tavża bit-teħid ta' art l-atturi. Dan jingħad għaliex dak li skond il-liġi ma jiswiex, ma jistax iħalli effett, u għalhekk l-għażla u l-effett waħdien ta' tħassir ta' għemil amministrattiv għandu jkun li l-qagħda titreġġa' lura għal dak li kienet qabel ma jkun sar l-għemil amministrattiv imħassar[45];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin u ssib li l-imħarrek Avukat Ġenerali ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u qiegħda teħilsu milli jibqa' fil-kawża, bi spejjeż kontra l-atturi;

---

[43] In ***Re Reid vs Secretary of State for Scotland*** **(1999)**
[44] Ara Kost. **26.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Żammit vs Kummissarju tal-Artijiet***
[45] Ara App. Ċiv. **6.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Onor. Prim Ministru et*** § 52

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-intimat l-ieħor fil-mertu billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-esproprjazzjoni li nħarġet mill-Kummissarju tal-Artijiet skond l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-10 ta' Mejju, 2007, dwar qatgħa art tal-atturi tal-kejl ta' madwar erba' mija u tnejn u erbgħin metri kwadri (442 $m^2$) magħrufa bħala "*Ta' Bibu*" jew "*Ta' Għar Għasfur*", f'San Pawl il-Baħar, ma saritx għall-skopijiet ta' interess pubbliku iżda saret sabiex taġevola interessi privati, u dan għalhekk bi ksur ta' l-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-esproprijazzjoni li nħarġet mill-Kummissarju tal-Artijiet maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern fl-10 ta' Mejju, 2007, hija nulla u invalida, billi l-att amministrattiv huwa '*ultra vires*';

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tordna t-tħassir tal-esproprjazzjoni msemmija u treġġa' l-qagħda lura għall-istat li kienet minnufih qabel ma nħarġet id-Dikjarazzjoni relattiva tal-President tar-Repubblika dwar it-teħid tal-imsemmija art; u

**Tordna** li l-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**, minħarra dawk marbutin mal-intimat Avukat Ġenerali, liema spejjeż jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**10 ta' Ottubru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

# 10 ta' Ottubru, 2019